**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 26 ta' Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**Pierre Buhagiar**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Pierre Buhagiar** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 178765M**,** gie akkuzat talli fil-25 ta' Marzu 2016 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija gewwa dawn il-Gzejjer fil-Mellieha;

1. Talli minghajr hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja ta' Isam Mohamed El Shahumi f'periklu car, hebbejt ghall-istess Isam Mohamed El Shahumi u kkagunajtilhu offizi ta' natura gravi, b'arma irregolari. Art.218, 64 tal-Kap 9:

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi għidt fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti li joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika. Art.338 (BB) tal-Kap 9;

3. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b`ghajjat u/jew glied. Art 338 (DD) tal-Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Isam Mohamed El Shahumi flimkien mal-piena, u torbot lill-hati b'obbligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti. Art 383, 412C tal-Kap 9.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tal-llum stess mill-ufficjal prosekutur u cioe, illi, wara li qies sew dak kollu li irrizultalu waqt l-investigazzjonijiet dwar dan il-kaz, qieghed f'posizzjoni legittima li jiddikjara illi fil-konfront ta' l-imputat ghandu japplika jew il-provvediment ta' l-Artikolu 227 (d) (minghajr il-proviso) jew alternattivamnet id-dispost ta' l-Artikolu 227(c), ilkoll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, in linea ma' dak ivverbalizzat mill-ufficjal prosekutur, anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet in tema ta' piena u jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha wara li tkun saret ammissjoni tali, u wara li qieset dettaljatament l-isqarrija tal-imputat, il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

**Ikkunsidrat;**

Illi fis-sottomissjonijiet finali l-partijiet ghamlu referenza ghall-koperazzjoni da parti tal-hati waqt l-investigazzjoni, ghall-ammissjoni bikrija tal-hati, ghall-fedina penali tal-hati. Id-difensur tal-hati rrimarka wkoll illi dan kollu ma jiggustifikax il-vjolenza izda dak li ghamel l-imputat kien frott ta' moment sfortunat fil-hajja tieghu tali li, bl-ammissjoni tieghu, il-hati issa qed jaccetta minghajr rizervi, ir-responsabbilta` ta`

ghemilu skond il-ligi. Kompla izid pero, illi dak li ghamel l-imputat kien frott ta' dwejjaq kbar li rnexxielu jigma fuq medda ta' snin minhabba vendikazzjonijiet u attegjament vessatorju li kien gej il-hin kollu lejh minn naha tal-vittma Isam Mohammed El Shahumi. Saret enfasi fuq il-verbal maghmul mill-ufficjal prosekutur (ara aktar il-fuq).

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena, izda f'dan il-kaz din l-ammissjoni bikrija qeghda titqies minn din il-Qorti ghall-finijiet tal-piena.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` ferita gravi kif migjub kontra l-hati huwa wiehed serju hafna, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza partikolari, il-hati ta` reat ta` ferita gravi jkun jimmerita li jigi karcerat b'mod effettiv.

Illi pero` din il-Qorti trid necessarjament tiehu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha rizultanti biex tkun tista tasal ghall-ahjar sanzjoni fil-ligi. Irid jigi nnotat dak li qal il-hati a tempo vergine fl-isqarrija tieghu li ta lill-pulizija, u senjatament :

> *Jien kont qed nonxor il-hwejjeg fit-terrazzin u kien hemm xi ilma niezel mit-terrazzin ta flat 6, u jien ghidt b'vuci li ninstema, "x'hin tkun komda li twaqqaf dan il-hmieg ta ilma niezel fuq it-trakk tieghi, inkun nista ntieh tlahlieha. Hi flok skuzat ruha, hi qabdet tajjat li "Ghandek hmieg fuqek, Ahjar tmur tinhasel""Ghandek tifel pufta u l-iehor il-habs" u jien ghedtilha "mela jafu sewwa lil Isam". Dak il-hin rajt lil mara tieghi, Andrea li harget barra u bdiet thares il-fuq u tghidilhom "ghalfejn qed taghmlu din il-hsara". Jien indunajt li l-bieb ta fuq taghhom, instabat u jien immaginajt li kien niezel Isam. Dak il-hin il-mara kienet diehla u Isam immbutha bi spallejh, il-mara dahlet u ghalaqna il-bieb. Isam baqa hiereg barra u beda jwaqqa il-pjanti u qsari li kelli fit-terrazzin ma l-art ghal gewwa u jien inhraqt ghax mhux l-ewwel darba li ghamel hekk. Jien mort u ftaht il-bieb ta barra tieghi u Isam kien diehel mill bieb ta barra, x'hin wassal quddiem il-bieb tieghi*

*beda jiprovokani billi jghidli "Ejja, Ohrog, jien u int, Ejja Ohrog" u jien ghedtlu"Hallini Isam jien ghandni x'naghmel, inhobbha hajti". Isam gie vicin il-bieb ta barra tieghi u jien hadt pass lura ghax dak il-hin jien kont imbezza. X'hin hadt pass lura, rajt il-base ball bat fuq il-bank, qbadta f'idi u ghedtlu "Isam, bis-serjeta qed nghidlek, hallina ghax ma nifilhux iktar b'li qed taghmel". Isam gholla idejh u ghamel pass iehor lejja. Dak il-hin x'hin rajt hekk, jien pruvajt intieh daqqa f'idu bil-baseball bat biex jitlaq l-hemm. Kif swingjajt il-bat, hu resaq iktar il-quddiem u minflok idejh, ilqatlu wiccu bi zball ghax jien ridt nolqotlu idejh. Isam ha zewg passi lura u jien kont ha naghlaq il-bieb. X'hin kont qed naghlaq il-bieb, rajtu rega gej lejn il-bieb tieghi, ergajt ftaht il-bieb u imbuttajtu u Isam waqa hdejn l-entratura tal-flats u jien tajtu daqqa ohra go saqajh u ghedtlu "Hallina bi kwietna lilna ghax ma nifilhukx iktar". Imbghad jien dhalt il-gewwa u ghalaqt il-bieb. F'daqqa wahda nizel missier Donna Williams li hija il-partner ta Isam (Sirt naf li huwa missierha wara li gew il-Pulizija u Isam qal hekk), hareg barra u il-pjanti li kien hemm fit-terrazzin waddabhom kollha ghal got-terrazin, imbghad qabes ghal go t-terrazin u ahna ghalaqna ix-xutter u ma rajniex x'gara wara. Ahna smajna il-hoss tal-mutur jitwaddab ma l-art fejn garrab xi hsarat u ma nafx jekk kienx hemm xi hsarat ohra fl-affarijiet taghna. Il-mara naf li cemplet 112 u wara gew il-Pulizija. Sakemm gew il-Pulizija ma waqafx jhedded u x'hin kien tiela ta zewg daqqiet mal-bieb tieghi u bzajt li ha jifqaw................ .*

*Li nixtieq nghid hu li kull oggett li rani naghmel li ngheda bieh per ezempju, il-qsari, kull argument li jkun hemm jaqlibhomli u jinkisru, il-karozza, kull darba li nahsilha u jwadbilha xi haga, kelli qannic fejn innixef il-gbejniet li kien marbut biex ma jaqax bir-rih, tafahuli ghal isfel u kif ukoll il-mejda u s-siggijiet tefahom ghal isfel, l-ammont ta zibel li jhalli fil-komun, it-theddid li ghamilli biex ma nitlax fuq il-bejt fost theddid iehor. Hu jtella il-kelba fuq il-bejt komuni u taghmel il-bzonnijiet taghha fuq il-madum tal-bejt, meta jiftillu jigbor il-hmieg u jwaddbu ghal-isfel u kif ukoll jghajjar lil mara tieghi. Darba minnhom gew ukoll jien gejt migdum minn din il-kelba.*

Illi din il-Qorti qieset, fid-dawl tal-istqarrija tal-imputat, id-dokumenti minnu esebiti fl-udjenza tal-lum stess u cioe kopja ta' numru ta' ritratti kif ukoll mhux anqas minn disa

rapporti li il-hati kien ghamel lill-pulizija – ilkoll dokumenti li jaghtu sostenibilita ghall-verzjoni tieghu kif moghtija fl-istqarrija.

Meqjus dan kollu din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-verbal tal-ufficjal prosekutur u cioe, illi, wara li qies sew dak kollu li irrizultalu waqt l-investigazzjonijiet dwar dan il-kaz, kien f'posizzjoni legittima li jiddikjara illi fil-konfront ta' l-imputat ghandu japplika jew il-provvediment ta' l-Artikolu 227 (d) (minghajr il-proviso) jew alternattivamnet id-dispost ta' l-Artikolu 227(c), ilkoll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hi tal-fehma, wara li qieset ir-rizultanzi processwali kollha, dan kollu fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, illi l-offiza volontarja fuq Isam Mohammed El Shahumi, saret mill-imputat filwaqt li kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanea jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma setax iqis l-ghemil tieghu; fil-fatt il-ferita gravi fuq Isam Mohammed El Shahumi saret minhabba sahna ta' demm. Dan ifisser illi dak li ghamel l-imputat kien skuzabbli fit-termini tal-artikolu 227 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl ta` dan kollu, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dawn huma parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehma u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Ghall-dawn il-mottivi**, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 28A, 64, 214, 215, 216, 217, 218, 338(bb), 338(dd), 383, 412C, 227(c), u 230 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil Pierre Buhagiar hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal piena ta` prigunerija ta` tmintax-il (18) xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

**Ordni skond l-Artikoli 412C u 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 412C u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni ta' Isam Mohammed El Shahumi, Donna Williams, Paul Andrews u ulied l-imsemmija Isam Moahmmed El Shahumi u Donna Williams, u ghaz-zamma ta` l-ordni pubbliku, l-Qorti qeda bil-prezenti taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Pierre Buhagiar billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Pierre Buhagiar milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil Pierre Buhagiar milli jimmolesta lill-persuni msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti tat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Dr Ian Farrugia LL.D
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur